MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 21/2015

**Quality Meat Products Ltd**
**(C 42731)**

**vs**

**Riviera Resorts Ltd**
**(C 23519)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-15 ta' Jannar 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata is-somma ta’ hamest elef, sebgha mija u disgha u sebghin euro u hamsin centezmu (€5.779.50) rappresentanti l-import ta’ forniment ta’ prodotti ta’ l-ikel da’ parte tas-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata fuq ordni taghha stess.

Rat in-nota tas-socjeta intimata ippresentata fir-Registru fid 29 ta’ Jannar 2015 fejn ammettiet it-talbiet rikorrenti fl-injier taghhom.

Rat illi fit 2 ta’ Frar 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Fic-cirkostanzi, fuq ammisjsoni tas-socjeta intimata, il-Qorti

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' ta' hamest elef, sebgha mija u disgha u sebghin euro u hamsin centezmu (€5.779.50).

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll tal-ittra interpellatorja datata 2 ta' Jannar 2015 kontra is-socjeta intimata.

Imghax b'rati kummercjali mid-data tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------